MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Talba Numru. 2181/2003

**Maria Victoria Jervis**

**Vs**

**Saliba Bros. Plumbing, Electrical Fitters Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-attrici li bih talbet lis-socjeta’ konvenuta thallasha is-somma ta’ hames mitt lira (Lm500) u cioe’ elf, mija, hamsa u sittin Euro (€ 1,165) rappresentanti danni kkawzati lill-istess attrici mis-socjeta’ konvenuta fil-fond 59, Triq Mons. G. Depiro, Sliema, kawza ta’ xogholijiet li saru mis-socjeta’ konvenuta fuq ordnijiet ta’ l-istess attrici liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet preliminarjament, l-konnessjoni tal-kawza odjerna a tenur ta' l-Artikolu 793 tal-Kap.12 tal-Ligijiet mal-kawza pendenti quddiem dan it-Tribunal – Avviz Nru. 356/2003 fl-ismijiet inversi u dan stante illi dik il-kawza tirrelata dwar xoghol iehor illi s-socjeta' eccipjenti giet inkarigata tezegwixxi mill-istess attrici fl-istess epoca li sar ix-xoghol, mertu ta' din il-kawza.

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi x-xogholijiet gew ezegwiti skond l-arti u s-sengha.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta' eccipjenti ma kkawzat l-ebda danni lill-attrici u ghalhekk it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet **Saliba Bros Plumbing Electrical Fitters Limited vs Maria Jervis – Avviz Nru. 356/2003.**

Ghalhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghall-provi migbura f'din il-kawza u ghal istess konsiderazzjonijiet li japplikaw ghal din il-kawza u li qed jigu addottati mit-Tribunal ghal fini ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi u dawk indikati fil-kawza l-ohra, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------